MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 703/2011

**Francis Said**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**u**

**d-Direttur tad-Dipartiment ta' l-Impjiegi u tar-Relazzjonijiet Industrijali**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Francis Said tal-21 ta'Lulju 2011, illi jaqra hekk:

1. *"Illi 1-attur kien impjegat bhala kap direttur ezekuttiv u manigerjali mal-kumpannija Medserv Limited. Il-kuntratt ta' impjieg li permezz tieghu 1-attur inghata dan 1-impjieg kien skada fil-hmistax (15) ta' Settembru 1997, izda minkejja l-iskadenza, l-attur inzamm fl-impjieg tieghu ma' 1-istess kumpannija;*

2. *Illi fl-erbgha (4) ta' Novembru 1997, 1-attur gie mgharraf mill-kumpannija Medserv Limited illi l-istess attur kien qieghed jigi sospiz mill-impjieg tieghu, billi kienet tezisti vertenza bejn 1-istess kumpannija u bejn Joseph Said, iben 1-attur, b'dan illi 1-attur kien se jibqa' jgawdi 1-paga shiha tieghu u 1-beneficcji kollha spettanti lilu;*

3. *Illi bis-sahha ta' ittra datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru 1997, il-kumpannija Medserv Limited gharrfet lill-attur li kienet iddecidiet li ma ggeddidx il-kuntratt t'impjieg tieghu, u permezz ta' ittra ohra datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru 1997 gie mgharraf 1-istess attur illi kull beneficcju li kien intitolat ghalih in virtu' ta' 1-impjieg tieghu kien ser jigi kancellat;*

4. *Illi 1-kumpannija Medserv Limited naqset li thallas lill-attur il-paga ghall-perjodu bejn l-ewwel (1) u t-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru 1997, kif ukoll il-bonus u allowance dovuti, u wisq anqas il-vakanzi bil-hlas dovuti fuq bazi pro rata ghall-perjodu bejn l-ewwel (1) ta' Jannar 1997 u t-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru 1997, ammontanti ghal hamsa u ghoxrin (25) jum, u lanqas ma hallset lill-attur il-paga dovuta ghall-perjodu ta' tmien gimghat ta' zmien ta' avviz ghat-temm ta' 1-impjieg;*

5. *Illi ghal dan il-ksur ta' ligi, l-attur irrikorra ghand il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija u 1- konvenut Direttur tad-Dipartiment ta' l-Impjiegi u tar-Relazzjonijet Industrijali, gia' Dipartiment tax-Xoghol u l-Emigrazzjoni, sabiex iressqu 1-procedimenti penali opportuni fil-konfront tar-rapprezentanti tal-kumpannija Medserv Limited, abbazi ta' 1-Artikoli 10, 23 u 29 ta' 1-Avviz Legali 112/1988;*

6. *Illi fiz-zmien in kwistjoni, u sahansitra llum, l-azzjoni penali li tigi istitwita fil-konfront tal-principal minhabba n-nuqqas da parti tieghu li jhallas il-paga dovuta lill-impjegati twassal sabiex il-principal jigi kkundannat inter alia jhallas dak dovut lill-impjegat koncernat;*

7. *Illi permezz tar-rapport maghmul mill-attur, giet istitwita kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Anthony Diacono bhala direttur ta' Medserv Limited", quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, liema kawza bdiet tinstemgha fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru 1998;*

8. *Illi peress li giet istitwita din il-kawza fil-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali, 1-attur ma ressaqx proceduri civili fuq 1-istess mertu, u dan ghaliex tali proceduri kien ser ikollhom ezitu identiku, u anke ghaliex il-prezentata ta' tali proceduri civili kien ser ikollhom jistennew 1-ezitu ta' l-azzjoni penali;*

9. *Illi l-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Anthony Diacono bhala direttur ta' Medserv Limited" giet deciza permezz ta' sentenza moghtija fl-erbatax (14) ta' Marzu 2006;*

10. *Illi l-imputat f' dik il-kawza kien gie liberat peress illi rrizulta li c-citazzjoni in-notifikata lilu kienet differenti mic-citazzjoni li kienet ezebita fl-inkartament processwali depozitat fir-Registru tal-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali, u konsegwentement, peress illi allura 1-imputat gie li qatt ma kien notifikat bic-citazzjoni tal-kawza, mela allura 1-procediment penali kien ezawrit stante l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni;*

11. *Illi ghalhekk, 1-attur soffra danni u hsarat billi minhabba traskuragni, negligenza, imperizja, nuqqas ta' harsien ta' regolamenti u nuqqas ta' hila fix-xoghol unikament da parti tal-konvenuti jew minn minnhom, huwa gie mtellef mid-dritt milli jagixxi b'success kontra 1-kumpannija Medserv Limited ghad-drittijiet tieghu;*

12. *Illi 1-konvenuti gew diversi drabi interpellati sabiex jirrizarcixxu lill-attur, izda baqghu dejjem inadempjenti;*

13. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

14. *Illi l-attur jaf f'dawn il-fatti personalment;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur kif fuq indikat b'konsegwenza ta' imperizja, trakuragni, negligenza, nuqqas ta' harsien ta' regolamenti u nuqqas ta' hila fix-xoghol taghhom;*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mill-attur occorendo permezz ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lill-konvenuti, jew lil min minnhom, sabiex ihallsu d-danni kif likwidati lill-attur, u dan previa kull provediment iehor li lilha jidrilha xierqa u opportun.*

*Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-itttri ufficjali bin-numri 2789/2007, 2587/2009 u 2258/2011 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti, li huma minn issa ngunti in subizzjoni."*

Rat li l-atti tar-rikors guramentat, d-digreit u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-Kummissarju tal-Pulizija tas-19 ta' Dicembru 2011 (a fol. 13 et seq.) li taqra hekk :

1. *"Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju, qieghda tigi eccepita l-preskrizzjoni biennali a tenur ta'* ***1-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta****, u dan kif se jigi muri mill-esponent tul il-kors tal-kawza.*
2. *Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, 1-esponent jeccepixxi illi l-proceduri quddiem il-Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma humhiex 1-uniku rimedju li kellu 1-attur fil-konfront ta' Medserv Limited fir-rigward ta' arretrati ta' paga u beneficcji ohra. L-attur kellu wkoll rimedju abbazi tad-dritt civili, li seta' jezercitah sa zmien sena skont kif indikat* ***mill-Artikolu 2147 (c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*** *Barra minn hekk, waqt il-proceduri quddiem il-Qorti ta' Gudikatura Kriminali, il-kundanna ghall-hlas ta' 1-arretrati ma hix awtomatika ghas-sejba ta' htija izda tista' tigi mitluba separatament mill-prosekuzzjoni, skont kif johrog mill-ligi, u* ***cioe' l-Artikolu 43 tal-Kapitolu 135 tal-Ligijiet ta' Malta*** *(illum 1-Artikolu 47(1) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta). Ghalhekk, il-premessa li fuqha hi bbazata din l-azzjoni, u cioe' li l-attur sofra danni u hsarat li permezz taghhom "huwa gie mtellef mid-dritt*

*milli jagixxi b'success kontra 1-kumpanija Medserv Limited ghad-drittijiet tieghu" hija inverosimili ghall-ahhar, u konsegwentement, ma jissussistix dannu.*

3. *Illi inoltre, u bla pregudizzju ghas-suespost, jinghad illi 1-attur kellu wkoll rimedju lehor quddiem it-Tribunal Industrijali, fejn seta' jitlob rizarciment ghad-danni minhabba tkeccija ngusta u seta' wkoll jitlob lura 1-arretrati tal-paga. Dan il-procediment fil-fatt l-attur bdieh u tmexxa indipendentement mill-kaz quddiem il-Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u jirrizulta illi ma rnexxiex ghaliex it-Tribunal iddecieda illi l-impjieg ma kienx wiehed ta' natura indefinita u ghalhekk ma kienx jaqa' taht il-gurisdizzjoni tieghu. L-ezitu ta' l-azzjoni huwa kompletament independenti mill-ezistenza tad-dritt ta' l-azzjoni, pero' kemm-il darba l-azzjoni ma tirnexxix, xorta wahda jibqa' l-fatt li d-dritt kien hemm.*

4. *Illi minghajr pregudizzju huwa ta' min jirrileva illi tul il-proceduri kriminali, 1-attur kien dejjem prezenti u assistit minn avukat, u sahansitra kien ipprezenta wkoll xi osservazzjonijiet bil-miktub. Ghalhekk, hu seta' facilment jinduna li kien hemm diskrepanza fl-akkuzi, u seta' jaghmel dan ukoll fiz-zmien opportun, u dan stante li dejjem kellu access ghall-process kriminali. Jekk illum 1-attur qieghed jallega li kien hemm xi negligenza da parti ta' 1-esponent, daqshekk iehor kien hemm negligenza kontributorja da parti tieghu jekk hu kellu access ghall-informazzjoni u naqas milli jinduna li kien hemm zball li kellu jigi rettifikat. L-izball li kien hemm seta' facilment jigi rettifikat, pero' kellu l-konsegwenzi li kellu precizament ghax gie skopert meta kien tard wisq. Barra minn hekk, jekk 1-attur qieghed jippretendi xi rizarciment ghad-danni, irid jipprova sal-grad rikjest mill-ligi illi l-izball ma sehhx htija tieghu.*

5. *Illi subordinatament u dejjem bla pregudizzju, 1-esponenti jeccepixxi illi sabiex tirnexxi l-azzjoni ghal rizarciment tad-danni kif ittentata mill-attur, l-ewwel u qabel kollox irid jigi ppruvat ukoll, sal-grad rikjest mil-ligi, illi li kieku d-diskrepanza fl-akkuzi ma kinitx tissussisti, Anthony Diacono ghan-nom tas-socjeta' Medserv Limited, kien certament se jigi misjub hati mill-Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Fin-nuqqas ta' dan,*

*ma jistax jinghad b'certezza li kienet unikament din id-diskrepanza li wasslet sabiex gie liberat Anthony Diacono. Altrimenti l-attur ikun qieghed jittenta li jissostitwixxi l-poteri ta' gudizzju moghtija mill-ligi lill-gudikant sedenti fil-Qorti ta' Gudikatura Kriminali.*

6. *Illi ghalhekk, in vista tas-suespost, l-esponent jirrileva illi preliminarjament, it-talbiet attrici huma preskritti, u fil-mertu, it-talbiet u l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u dan kif ser jigi muri tul il-kors tal-kawza. Ghaldaqstant, 1-esponent qieghed bl-akbar rispett jadixxi illi din 1-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet attrici fi-interita' taghhom bl-ispejjez kontra l-istess attur.*

7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."*

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tad-Dipartiment ta' l-Impjiegi u tar-Relazzjonijiet Industrijali tas-19 ta' Dicembru 2011(a fol. 17 et seq) li taqra hekk :

1. *"Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju jinghad li l-azzjoni tal-attur hija preskritta ai termini* ***tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta****;*

2. *Illi tassew, peress li skont kif sancit* ***fl-artikolu 2137 ta' 1-istess Kap****, "l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezeritata, minghajr ma jittiehed qies ta' 1-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tkun tmiss", id-danni reklamati mill-attur waqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn mid-data tal-21 ta' Novembru 1998, jigifieri sena wara l-gurnata li fiha l-impjieg ta' l-attur mal-Medserv Limited gie tterminat permezz ta' ittra mibghuta mill-istess kumpanija, skont kif kien jipprovdi* ***1-artikolu 43 tal-Kap. 135 tal-Ligijiet ta' Malta*** *(llum 1-artikolu 47(1) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta);*

3. *Illi fuq il-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, 1-esponenti sussidjarjament jirrileva li 1-konvenut Direttur ma rreka l-ebda danni lill-attur u dan ghar-raunijiet segwenti:*

   i. *Li d-diskrepanza bejn 1-ammont indikat fl-akkuza intavolata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u 1-ammont indikat fl-akkuza li gie notifikat biha l-imputat Anthony Diacono nholqot minn raguni imputabbli lir-rikorrenti stess stante li, kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza, huwa originarjament naqas milli jgharraf lid-Direttur dak kollu li l-hlas allegatament dovut lilu kellu jkopri b'dan illi meta rega nforma lill-imsemmi Dipartiment x'ghandu fil-fatt ikopri 1-ammont allegatament dovut, id-Direttur esponent kien diga bghat ic-charge sheet lill-Kummissarju tal-Pulizija. B'konsegwenza ta' dan 1-imsemmi Dipartiment kellu permezz ta' avviz jinforma lill-istess Kummissarju sabiex jissostwixxi 1-imsemmija charge sheet b'wahda ohra li kienet tindika ammont ikbar ta' hlas allegatament dovut skont dik l-informazzjoni ulterjuri li r-rikorrenti ta lid-Dipartiment. Dan wassal sabiex effettivament inholoq dan l-ekwivoku fl-akkuza li kellu jigi notifikat biha 1-imputat Anthony Diacono;*

   ii. *Li, minghajr pregudizzju ghal fuq riferit, anke li kieku ammesso è non concesso kellu b'xi mod jigi pretiz li tali diskrepanza hija effett ta' agir doluz minn naha tad-direttur esponent, l-azzjoni tar-rikorrenti ghal rizarciment tad-danni kif ittentata mill-attur ma tistax tigi akkolta u dan peress li r-rikorrenti ma pprovax sal-grad rikjest mil-ligi li, kieku ma kienx ghal din id-diskrepanza, Anthony Diacono kien indubjament sejjer jigi misjub hati mill-Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Malta);*

iii. *Li, di piu' u bla hsara ghas-suespost, it-talba tar-rikorrent ghar-rizariment tad-danni mill-intimat Direttur hija wkoll irrita u nulla stante li, bhalma huwa uzufruwixxa mid-dritt li kien jipprovdi **l-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta** u istitwixxa proceduri quddiem it-Tribunal lndustrijali ghar-rizarciment tad-danni kagunati minn allegat tkeccija ngusta tieghu mill-impjieg, ir-rikorrenti, jekk qatt kellu dritt, seta wkoll juzufruwixxi minn rimedju ordinarju iehor favur tieghu abbazi tad-dritt civili sabiex jigi moghti hlas ta' pagi, salarji u beneficji ohra allegatament dovuti lilu min Anthony Diacono bhala d-Direttur tal-kumpanija Medserv Limited, rimedju li huwa ma ezawriex u li llum huwa ghal kollox preskritt a bazi ta' 1-artikolu **2147(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;*

iv. *Li multo magis u dejjem minghajr hsara ghal dak fuq riferit, id-direttur esponent ma jistax jahti ta' din id-diskrepanza stante li f'ghemilu huwa mexa fil-paramentri ta' dak li kien mistenni minnu ai termini **tal-artikolu 40 tal-Kap. 135 tal-Ligijiet ta' Ma**lta (llum 1-artikolu 44 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta) u fuq il-metru tad-diligenza kif rikjest minnu taht **1-artikolu 1032 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;*

4. *Illi in finis u dejjem minghajr pegudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva li mal-allegazzjoni tieghu li d-direttur esponent ghandu jigi ritenut fi htija ta' negligenza ghal din id-diskrepanza, ir-rikorrenti ma jistax ma jigix ritenut fi htija ta' negligenza kontributorja, in kwantu b'mod generali, huwa naqas milli josserva u jinduna b'tali diskrepanza fi zmien opportun u dan meta huwa kien dejjem prezenti u debitament assistiet fid-durata kollha tal-proceduri kriminali u kif ukoll kellu access liberu ghal-process kriminali tal-kawza in kwistjoni;*

5. *Ghaldaqstant, attiz dawn il-principji legali fuq enuncjati, huwa kjarament desumibbli li t-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat ipprezentat mir-rikorrenti huma preskritti u manifestament infondati kif ukoll frivoli u sempliciment vessatorji u ghalhekk ghandhom ikunu michuda*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tal-STO Prim Imhallef datata 29 t'Ottubru 2012 (a fol. 42) illi permezz tieghu din il-kawza giet trasferita quddiem il-Qorti kif preseduta;

Rat in-nota ta' riferenzi tar-rikorrenti tad-9 ta'Lulju 2013 (a fol. 291 et seq.);

Rat in-nota ta' riferenzi tal-Kummissarju tal-Pulizija u tad-Direttur tad-Dipartiment ta' l-Impjieg u tar-Relazzjonijiet Industrijali tal-10 ta'Settembru 2013 (a fol. 296 et seq.);

Rat id-decizjoni taghha tal-21 t'Ottubru 2013 (a fol. 380 et seq.);

Rat id-digriet ulterjuri taghha tal-21 t'Ottubru 2013 li permezz tieghu il-Qorti dehrilha li jkun ghaqli li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tigi deciza fis-sentenza finali;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur Francis Said tals-6 ta'Novembru 2014 (a fol. 355 et seq.);

Rat in-nota responsiva ta’ sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija u tad-Direttur tad-Dipartiment ta’ l-Impjiegi u tar-Relazzjonijiet Industrijali tal-10 ta’ Dicembru 2014 (a fol. 370 et seq.);

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

L-attur fil-bidu tal-provi tieghu, ezebixxa s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet il-Pulizija Spettur Joseph Cordina vs Francis Said talt-28 ta’ Marzu 2006 )a fol. 28 sa 30), li minnha huwa gie liberat mill-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Permezz tal-affidavit taghha, Dr. Audrey Vassallo pprezentat:

1. Ittra ufficcjali Dok. AV1 a fol. 47 datata 16 ta’ Lulju 2007;
2. Ittra ufficcjali Dok. AV2 a fol. 48 datata 13 ta’ Lulju 2009;
3. Ittra ufficcjali Dok. AV3 a fol. 50 datata 4 ta’Lulju 2011;
4. Protest Dok. AV4 a fol. 51; u
5. Dettalji mill-atti tal-Qrati Dok. AV2 a fol. 52.

Gew pprezentati wkoll Dok. AG1, estratt tal-Kap. 135, AG2 kopja ta’ sitt verbali tal-atti tal-kawza fl-istess ismijiet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (a fol. 55 sa 60 u Dok. AG3; kopja ta’ nota t’osservazzjonijiet fl-istess atti (a fol. 61) u l-prospett anness.

Dr. Elizabeth Quintano, ghan-nom tar-Registratur, ezebiet kopja formali tal-atti fil-kawza fl-ismijiet Pulizija vs Anthony Diacono, u mmarkata bhala Dok. EQ1 a fol. 69 et seq. Gew ezebiti Dok. MS1 2 u 3, kopji formali ta’ Dok. AV1 2 u 3 – Vide fol. 190 sa 197.

Mal-affidavit tieghu, ir-rikorrenti Francis Said ezebixxa elenku ta’ dokumenti FHS1 sa FHS43 minn fol. 214 sa 282. Fl-affidavit tieghu l-attur Francis Said jaghmel diversi allegazzjonijiet, jippostula diversi domandi, u jixhet hafna dellijiet fuq il-Pulizija u fuq l-Avukat fl-ufficcju tal-Avukat Generali. Meta wiehed jghasar il-kontenut tal-affidavit tal-attur jirrizultaw is-segwenti fatti.

Mill-provi imressqa mir-rikorrenti jirrizulta illi r-rikorrenti kien impjegat bhala Chief Executive u Managing Director mal-kumpanija Medserv Limited u l-impjieg tieghu beda fis-17 ta’ Mejju 1989 – Vide fol. 143. Il-kuntratt tieghu kien jiskadi fil-15 ta’ Settembru 1997 u kellu salarju ta’ Lm732.50 fix-xahar. Wara li skada t-terminu ta’ dan il-kuntratt ir-rikorrenti baqa’ fil-kariga. Fl-4 ta’ Novembru 1997, ir-rikorrenti gie sospiz mix-xoghol, baqa jokkupa l-kariga tad-Direttur u jipercepixxi s-salarju shih tieghu – vide fol. 144, u xhieda tal-attur fol. 86 u minuti a fol. 176.

Fl-ittra tal-21 ta’Novembru 1997 fol. 141 ir-rikorrenti gie informat li s-socjeta’ ma kienitx behsiebha igedded il-kuntratt tieghu u li kienet qed tistenna r-rizenja tieghu – Vide fol. 141. Bl-ittra sussegwenti (a fol. 142) d-Direttur Duncan informah li l-beneficcji tieghu kienu ser jigu kkancellati. Is-sospenzjoni tar-rikorrenti mill-post tax-xoghol kienet rigward allegat abbuz tal-kariga tieghu u r-rikorrenti gie liberat mill-Qorti tal-Magistrati permezz tas-sentenza datata 28 ta’ Marzu 2006 a fol. 28.

Said xhed li kien mar id-Dipartiment tax-Xoghol sabiex jittiehdu proceduri kontra l-istess socjeta' bil-ghan li huwa jithallas ta' dak dovut lilu. Huwa ezebixxa l-istorja tal-imjieg tieghu - vide fol. 134 sa 136 u l-hlasijiet li kien qed jipretendi, in konnessjoni mat-terminazzjoni tax-xoghol tieghu vide fol. 137 u 138. Kienu ittiehdu l-proceduri kriminali kontra Anthony Diacono bhala Direttur ta' Medserv Limited quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Jirrizulta illi fis-sentenza tal-14 ta' Marzu 2006, il-Qorti tal-Magistrati ppronunzjat li l-akkuza kienet preskritta sikkome li nstab li c-citazzjoni li biha gie notifikat l-imputat Diacono, kienet ferm differenti minn dik illi fuqha kienet qed titmexxa l-kawza mill-Qorti tal-Magistrati – vide fol. 132 u 133.

Francis Said xhed fl-affidavit tieghu a fol. 200 et seq. illi fi zmien illi kienet qed tipprocedi l-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati, ma kienitx inbidlet il-ligi dwar is-sehem tal-parte civili u **ghaldaqstant huwa kien pprojbit milli jkollu access ghal process jew ikun assistit mill-Avukat** tieghu - vide fol. 209. Ghaldaqstant huwa qatt ma kien f'posizzjoni li jinduna li diskrepanzi fil-figuri. Illi di piu dawn il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati twalu inutilment ghal tmien snin, meta seduta jew tnejn kienet tibbasta ghas-smiegh tal-kawza. Ghar-rigward ta' paragrafu tnejn a fol. 204, Francis Said xhed illi huwa qatt ma cahad li kien hemm xi zmien fejn kien hemm l-Avukat tal-parte civili, imma eventwalment huwa ma setghax ihallas aktar il-kontijiet. Illi di piu a fol. 205 Francis Said iddikjara:

> "***Li bhal ma diga iddikjarajt fi nhawi ohra ta' dan l-affidavit u twegibiet, hadd ma seta' b'xi mod jintebah bl-izball tal-Pulizija ghaliex fil-process kien hemm il-figura kif il-Pulizija informat lil Qorti, fil-waqt li ghal hafna snin ma kien hemm ebda kopja tat-tahrika li kienet pprezentata lill-akkuzat."***

Francis Said kompla jiddikjara illi fis-seduta tal-28 ta' Mejju 2002, **cioe' erba' snin wara li bdew** il-proceduri kriminali, Said kien ezebixxa dosseiur ***"fornut b'diversi dokumenti li fuqhom kont nibbaza t-talbiet tieghi."*** (Vide fol. 205) Said xhed illi f'dik is-seduta, il-prosekuzzjoni ghalqet l-istadju tal-provi taghha, izda li fis-seduta tal-14 t'Ottubru 2003 il-prosekuzzjoni ezebiet dokument iehor. Ir-rikorrenti xhed illi c-cheque pprezentat mill-Avukat difensur tal-intimat kien ikopri biss parti mill-paga ta' xahar wiehed u mhux dak dovut cioe' tlett xhur paga, tmien gimghat notice, bonuses u pagamenti ohrajn.

Francis Said jilmenta wkoll li d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati qatt ma giet appellata, waqt illi l-pretensjoni tas-socjeta' intimata giet mharsa b'numru ta' sekwestri tant illi r-rikorrenti gie ridott li jitkarrab il-karita' minghand familjari u hbieb. Said sahaq li huwa kien gie liberat minn kull akkuza u ma kien sar ebda appell mis-sentenza li nghatat fil-konfront tieghu.

Ghar-rigward tal-komputazzjoni ta'dak dovut lilu , Said xhed li huwa kien ressaq l-ilment tieghu quddiem id-Dipartiment tax-Xoghol u kellu zewg talbiet, cioe' il-paga u l-bonuses tax-xahar Novembru 1997 bi n-notice period skond il-ligi. Said xhed li Medserv Limited riedet taghti l-impressjoni li l-impjieg tieghu kien intemm minhabba li l-kuntratt tax-xoghol kien skada. Il-Qorti tal-Magistrati ma kienet ghamlet ebda dikjarazzjoni f'dan is-sens. Said xhed illi l-kuntratt tieghu kien jiskadi fil-15 ta' Settembru 1997, waqt li l-impjieg tieghu intemm fl-ahhar ta' Novembru 1997, f'liema perjodu Said kien baqa' attiv fix-xoghol tieghu mal-kumpanija u kien siefer xi tlett darbiet biex jirraprezenta l-kumpanija barra minn Malta– vide fol. 206.

Said xhed illi l-ammont dovut fuq hlas ta' paga kien Lm 1,688.40 waqt li l-imputat kien avzat fuq Lm500. Id-Dipartiment tax-Xoghol kien ommetta illi jinkludi tmien gimghat notice period f'ammont ta' Lm1, 386.12. Dan ifisser total ta' Lm 3,074.57 (l-ammont li jidher fic-citazzjoni Dok. EQ a fol. 69 juri Lm1,587.48) li ma tiffigura la fl-avviz notifikat lill-imputat lanqas dak anness mal-process tal-Qorti tal-Magistrati.

Francis Said jirribatti li ma kienx minnu li huwa kien minn dejjem prezenti u assistit mill-Avukat difensur tieghu, waqt il-proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Huwa sostna li l-Avukat kien tad-Dipartiment tax-Xoghol ***"jekk xi darba kien hemm Avukat bhala parte civili dan kien irrilevanti ghaliex b'ebda mod ma seta' jkun involut fil-kaz"*** –vide fol. 209, u certament ma kienx ikollu l-fondi sabiex jaghmel dan tul it-tmien snin li damu l-proceduri. Said irribatta li huwa qatt ma seta' jinduna bl-izball 'l ghaliex ***"ma stajtx inkun fl-awla"***u ma kellu ebda access ghal process. Illi ghaldaqstant ma seta' kien hati ta' ebda negligenza kontributorja. Said irribatta li l-proceduri kriminali bdew fuq insistenza ta' Dr Godwin Muscat Azzopardi fl-ahhar zmien qabel ma ddekorra l-perjodi ta' preskrizzjoni. Ic-citazzjoni thejjiet mill-Pulizija u l-izball ma kienx tieghu (Said). Di piu' Francis Said xhed illi l-htija ma kienitx t'Anthony Diacono izda tad-Direttur Ingliz li kien jirraprezenta l-proprjetarji Lebanizi. Said xhed li huwa ma kellu xejn kontra Diacono anzi jghid li kienu jahdmu flimkien u kienu jingwalawha sewwa. Illi di piu' Said xhed li huwa lanqas biss gie infomat li nghatat is-sentenza fil-kaz tieghu u sar jaf biss wara hafna gimghat. Said ilmenta wkoll li kien wara li gie liberat mill-akkuzi kriminali migjuba fil-konfront tieghu illi l-Pulizija ntebhu l-izball, biex b'hekk anka Diacono gie liberat. Said xhed illi ghalkemm huwa kien forna lid-Dipartiment tax-Xoghol bid-dokumenti kollha necessarji, l-istess Dipartiment qatt ma ried jinformah bil-kalkoli li kien ghamel id-dipartiment. Ghar-rigward tal-affidavits tal-intimati, huwa jsostni illi Dok. FHS2 a fol. 219, juri dak kollu dovut lilu minn Medserv Limited li dwaru l-Pulizija u d-Dipartiment tax-Xoghol kellhom ifittxu lill-istess socjeta'. Huwa kompla jghid illi fil-25 ta' Novembru huwa kien gie avzat li l-impjieg tieghu kien gie terminat minghajr ma inghata l-possibilita' li jiddefendi ruhu. Fl-istess ittra gie mgharraf li kien ser jircievi l-ammonti lilu dovuti. Fl-ahhar ta' Novembu 1997, Said cempel lil Godwin Catania, Finance Manager li informah li cheque kien lest u qed jistenna biss firma. Fuq indagni telefonika ulterjuri, Catania gharfu li ma seta' jaghmel xejn 'l ghaliex, dak li kellu jsir kien jaqa' taht il-manzjoni tad-Diretturi. Sussegwentement l-atttur wassal l-ilment tieghu quddiem id-Dipartiment tax-Xoghol li ma ridtx jiehu passi minkejja d-dokumentazzjoni kollha mressqa minnu (Said). Eventwalment l-attur rcieva ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu u kopja inbaghatet lid-Dipartiment tax-Xoghol li fiha gie allegat li l-attur kien irrezenja, fatt li ma huwiex minnu. Is-socjeta' Medserv kienet anka hawdet id-dati tat-tmiem tal-impjieg. Said sostna li

Dipartiment tax-Xoghol naqas li jinformah bis-somma involuta, u l-proceduri ittiehdu kontra Anthony Diacono minkejja li d-Direttur ewlieni tas-socjeta' kien Duncan. Ir-rikorrenti xhed li huwa ressaq id-dossieur u d-dokumentazzjoni kollha quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-prezenza tal-ufficcjali tal-Pulizija, Avukat tad-Dipartiment u tal-imputat, u **hadd ma qajjem l-icken oggezzjoni.**

Finalment gie skopert li kien hemm diskrepanza kbira bejn l-ammonti li dehru fic-citazzjoni ta'Anthony Diacono, u dawk kontenuti fic-citazzjoni fl-atti processwali quddiem il-Qorti, u kawza ta' dan il-Qorti iddikjarat l-akkuza preskritta. Il-Pulizija u l-Avukat Generali ma ressqu ebda appell. Said xhed a fol. 221 illi huwa kien ressaq l-ilmenti tieghu quddiem diversi awtoritajiet kompetenti sabiex jitlob kumpens xieraq ghan-nuqqasijiet tal-intimati, u dejjem baqa' bla risposta – vide Dok. FHS4, 5 , 6 , 8 u 16 ittri lill Kummissarju tal-Pulizija minn fol. 222 sa 224 u fol. 226, u 234; ittra lil Ministru tas-Social Policy u Home Affairs – vide Dok. FHS7 a fol. 225; ittri lill-Imhallef responsabbli ghal Police Commission – vide Dok. FHS9 , 10 u 11 minn fol. 227 sa 229; ittra lil Ministru tal-Edukazzjoni – vide Dok. FHS12 a fol. 230; ittra lis-Segretarja tal-Kummissjoni ghall-Ammistrazzjoni tal-Gustizzja – vide Dok. FHS13 a fol. 231; ittra lis-Segretarju Privat tal-Ministru tal-Gustizzja – vide Dok. FHS14 a fol. 232; ittra lil President ta' Malta u l-Ministri fuq indikati, l-Kummissarju tal-Pulizja, l-Avukat Generali, Prim Imhallef u l-Kummissjoni – vide Dok. FHS15 a fol. 233; ittra lid-Director of Labour – vide Dok. FHS17 a fol. 235; ittra lil Permanent Secretary tal-Ministru tal-Edukazzjoni - vide Dok. FHS18 a fol. 236; ittri lis-Segretarju tal-Kabinet – vide Dok. FHS20 a fol. 238; u FHS21, 22 23, 25 , 26 ittri lil Ombudsman – vide fol. 239 sa 241 , 243 u 244; ittri lil Police Board – vide Dok. FHS27 , 28, 31 u 37 a fol. 245 ,246 , 250 u 256; ittri lil Ministru tal-Gustizzja – vide DokFHS32 sa 36 u 39 minn fol. 251 sa 255, 258; ittri u emails lil Prim Ministru u lil-ufficcju tieghu – vide Dok. FHS40, 41, 42, u 43, Dok SUP5, 6 u 7 a fol. 272 sa 274.

Mix-xhieda ta' Dr. Lynn Spiteri Dalmas jirrizulta li fis-snin indikati cioe' 1997 u 1998, impjegat seta' javvicina lid-Dipartiment tax-xoghol u jiftah claim, kemm –il darba ix-xoghol tieghu jigi terminat u l-paga tibqa dovuta. Hija xhedet li d-Dipartiment joqghod ***"abbazi tal-informazzjoni li jinghata lill impjegat"*** –vide fol. 315. L-impjegat kien tenut li jipprovdi lid-

Dipartiment evidenza bhal pay slips, u kuntratt tax-xoghol. Id-Dipartiment huwa tenut li jibghat ittra lill-employer bl-ammont kalkolat bhala dovut lill-impjegat u f'kaz li l-employer jibqa' inadempjenti id-Dipartiment tabbozza charge u tghaddiha lil Pulizija. Fil-kaz in ezami, l-employer tar-rikorrenti jidher li kien naqas li jhallas paga, weekly allowance u l-bonuses tal-Gvern, intbaghatet tahrika fuq tali informazzjoni fl-24 ta' Settembru 1998 fuq l-ammont ta' LM568.90 vide LSD1 a fol. 322. Jumejn wara d-Dipartiment kien rcieva ittra minghand Dr. Mallia, li fiha ziedet claim ghal-leave u minn hemm regghet harget tahrika gdida li ntbghatet lil Pulizija biex tisottiwixxi l-ewwel wahda. Fit-tieni tahrika, l-ammonti mitluba kienu Lm676.20 paga, bonus Lm48.03, weekly allowance Lm18 u annual leave Lm 845.25, b' total ta' Lm1587.48 (fol 323). Din l-ittra giet ezebita u mmarkata bhala Dok. LSD. Gie ipprezentat ukoll Dok. LSD1 a fol. 322 draft tac-charges li nbaghtu lil Pulizija, u Dok. LSD2 a fol. 324 l-ittra li ntbaghtet mid-Dipartiment tax-Xoghol lil Medserv Limited sabiex ir-rikorrenti jithallas.

PC 595 Jesmond Grech a fol. 327, xhed li huwa kien ghamel ir-ricerka u kien rnexxielu jsib l-akkuza originali li harget fl-10 ta' Novembru 1998, li maghha kien hemm annessa, l-letter to prosecute. PC Grech ma setghax jinforma lil Qorti dwar il-persuna li kienet irredigiet ic-citazzjoni. Ic-citazzjoni u l-letter to prosecute u riferti gew ezebiti bhala Dok. JG1 sa JG4.

In kontro-ezami Francis Said a fol. 334 et seq. ikkonferma li **l-informazzjoni li ta lid-Dipartiment tax-Xoghol kienet l-istess informazzjoni li prezenta matul il-process**, inkluz id-data tal-impjieg tieghu, in-numru tas-snin li hadem, l-ammont ta' salarju bil-payslips u d-data tat-terminazzjoni tal-impjieg u rrefera ghal Dok. FS2 anness mal-affidavit tieghu, u cioe' il-paga, in-notice ghal tmin gimghat, il-bonus u leave. Mitlub jghid jekk kienx veru illi ma kienx inkluda l-leave meta l-ewwel kien mar jinforma d-Dipartiment, Francis Said jinnega. Said baqa' jinsisti li **huwa ta l-informazzjoni kollha lid-Dipartiment tax-Xoghol inkluz il-leave entitlement**. Said xhed illi apparti dana kollu kien hemm diversi drabi fejn il-Pulizija naqqsu li jobdu l-ordni tal-Qorti u jarrestaw lill-intimat. Gara wkoll illi meta ntqal lil Qorti li l-imputat kien imsiefer, l-istess imputat deher fuq it-television, programm li ma kienx pre recorded. Said dehrlu li kien hemm resistenza kbira da parti tal-Pulizija ***"u hadd ma ried jaghtini d-drittijiet tieghi"***- a fol. 337. **Said ikkonferma illi huwa diga nghata kumpens**

**ghad-dewmien fil-process kriminali fil-proceduri Kostituzzjonali li ntavola. Il-kumpens li kien qieghed jitlob ma kellu x'jaqsam xejn ma dak illi nghata.** Francis Said **jinnega li huwa kien assistit mill-Avukat tieghu matul il-proceduri** u ikkonferma biss li l-Avukat iteghu kien deher biss ghall-ewwel **zewg seduti u xejn aktar**. Said ikkonferma dak li sostna fl-affidavit tieghu, li l-akkuza li biha gie notifikat l-imputat Diacono ma kienitx l-istess akkuza li kienet fil-process.

Permezz ta' nota, l-intimati prezentaw Dok. A sa Dok. I minn fol. 345 sa 353.

**Ikkonsidrat :**

Li t-talba tar-rikorrenti hija ghar-rizarciment tad-danni konsegwenti ghal allegat imgieba negligenti tal-intimati, fil-kors tal-proceduri Pulizija vs Diacono.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

***"Ghal fini ta'preskrizzjoni huwa neccessarju li jsir indagni dwar il-vera natura tal-azzjoni li qieghda tigi ezercitata mill-attur"***

Vide **Lorry sive Lawrence Cuschieri vs Onor Ministru tal-Ambjent et App Superjuri** deciza fil-**25 ta' Frar 2005**.

In-natura tal-azzjoni li qieghed jipprezenta l-attur, hija kawza ghal-rizarciment ta' danni konsegwenzjali ghall-allegat negligenza da parti tal-intimati fil-proceduri penali kontra Diacono, ghal telfin ta' drittijiet ta' paga, bonuses, allowances u leave tar-rikorrenti.

Illi ghalhekk kuntrarjament ghal dak sollevat mill-intimati, d-data minn meta ghandha tibda tidekorri l-preskrizzjoni hija d-data li fiha inghatat s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-azzjoni kontra Anthony Diacono **u cioe fl-14 ta' Marzu 2008**.

Il-Qorti rat u ezaminat fin-nota t'eccezzjonijiet u nota t'osservazzjonijiet tal-intimati ghar-regward l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u taghraf li dak sollevat kien jkun applikabbli f'kaz li l-azzjoni kienet intavolata kontra Anthony Diacono ghan-nom ta' Medserv Limited. L-azzjoni odjerna ghandha gheruq differenti.

Skond l-Artikolu 2128 tal-Kapitolu 16, att gudizzjarju jikser il-preskrizzjoni u t-terminu jerga jibda jidekorri (Artikolu 2136 (2) Kapitolu 16)

Jirrizulta mill-provi prodotti illi in segwitu tas-sentenza tal-**14 ta'Marzu 2008** fuq citata r-rikorrenti pprezenta s-segwenti ittri ufficcjali:

1. Ittra ufficcjali tas-**16 ta' Lulju 2007** (a fol. 190-191);
2. Ittra ufficcjali tat-**13 ta' Lulju 2009** (a fol. 192-195);
3. Ittra ufficcjali tal-**4 ta' Lulju 2011** (a fol. 197-197).

Il-proceduri odjerni gew intavolati fil-**21 ta' Lulju 2011**.

Ghalhekk il-Qorti tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-intimati.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina r-risponsabilta' o meno tal-intimati ghat-traskuragni allegata mir-rikorrenti.

Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jistipola ***"Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu."***

Artikolu 1032(1) tal-Kodici Civili jipprovdi: ***" Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja."***

Artikolu 1033 tal-Kodici Civili jistipola:

> ***"Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa ii biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."***

Skond il-Giorgi:

> ***"Le condizioni richieste, perche' taluno risponda civilmente del proprio fatto, sono quattro:***
>
> ***a) il-fatto deve essere imputabile;***

***b) deve essere colposo;***

***c) deve essere causa di danno, finalmente;***

***d) deve essere illecito"***

(Vide Teoria delle Obbligazione Vol.V para144)

Illi huwa mifhum li sabiex jkun hemm lok ta'danni ***"jrid jkun hemm ness ta' kawzalita' bejn il-fatt kolpevoli u l-event dannuz"*** - Vide **John Debono et vs Negoziante Joseph Muscat App Kummercjali** deciz fis-**26 ta' Frar 1960; Giovann Sare vs Carmelo Farrugia et App Kumm**, deciz **6 ta' Frar 1928**.

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta mill-provi u precizament mix-xhieda ta' Dr. Lynn Spiteri Dalmas a fol. 315 et seq. illi d-Dipartiment intimat joqghod fuq l-informazzjoni li jinghata mill-impjegat.

In fatti jirrzulta illi modd **car minn Dok. B a fol. 346**, ittra tal-istess rikorrenti datata 9 ta'April 1998, illi r-rikorrent kien qieghed jitlob ghal ***"the salary & all other bonuses and weekly allowances legally due to me."***b'talba ghall-interessi bi 8.5%.

**Ebda annual leave** ma jissemma **u ebda notice payment ma gie indikat u dan jiskozza ferm** max-xhieda tar-rikorrenti quddiem din il-Qorti.

Di piu', fl-ittra Dok. C **datata 17 ta'Lulju 1998** a fol. 347, l-Avukat difensur tar-rikorrenti jaghmel zewg accenni ghal ***"payment of salary due to Francis Said,"*** u ghal **xejn aktar**.

Kien ghalhekk illi d-Dipartiment intimat baghat li hekk msejha ***"claim letter"*** lill Medserv Limited fid-29 ta' Lulju 1998 (Vide Dok. D a fol. 348) ghal hlas ta' **Lm568.90** – cioe' salarju bonuses u weekly allowances u harget l-akkuza ta' tali ammont – Vide Dok. E a fol. 349.

Kien **biss** permezz ta' Dok. F a fol. 350, li waslet fit-28 ta'Settembru 1998 ghand id-Dipartiment, li l-Avukat tar-rikorrenti **ghamel l-ewwel talba tieghu** ghal **notice money** u annual leave.

Dan wassal lid-Direttur intimat jibaghat akkuza ohra kif emendata kif jidher mill-ittri Dok. G, H u I.

Jidher in oltre mill-kopja tal-atti tal-process quddiem il-Qorti tal-Magistrati esebiti fil-kawza odjerna, **illi il-kaz kien wiehed ferm kontestat u kombattut mill-Avukati difensuri tal-kontendenti** u li ghalhekk il-Qorti tqis li d-Direttur tad-Dipartiment intimat ghamel dak mitlub skond il-ligi .

Wiehed irid jirrikonoxxi ukoll illi l-akkuzi kienu jaqghu bi preskrizzjoni fit-**28 ta' Novembru 1998** ghalhekk **kien hemm perjodu qasir hafna sabiex wiehed jaghmel indagni neccessarji biex jigi skopert l-amomalija**.

L-esiztenza ta' zewg akkuzi kien fattur ewlenin li wassal ghal stat ta' fatt fejn donnu l-imputat kellu akkuza differenti minn dik fl-atti processwali tal-Qorti tal-Magistrati.

Il-Qorti taghraf illi n-notifiki t'akkuza u kwalunkwe emenda ghal tali akkuza, taqa' taht r-responsabilita' tal-Pulizija.

Din il-Qorti osservat ukoll illi r-rikorrenti ma ressaqx lill-Ispettur li ffirma l-akkuza jew Supretendent responsabbli ghad-distrett biex jaghti spjegazzjoni ta' dak illi gara. **Lanqas ma gew ezebiti l-ewwel riferti.**

Il-Qorti tinnota in oltre, illi kuntrarjament ghal dak li jinghad fix-xhieda tar-rikorrenti, l-istess rikorrenti kellu l-asistenza tal-Avukat difensur tieghu, jew ahjar ta' sensiela t'Avukati, li kienu qed isegwu l-proceduri tant illi deheru fis-segwenti seduti:

1. **27 t'Ottubru 1998**, a fol. 74, Dr. A Mallia;
2. **15 ta' Dicembru 1998**, a fol. 76, Dr. A Mallia;
3. **24 t'Ottubru 2000**, a fol. 79, Dr. P. Lofaro;
4. **28 ta'Mejju 2002**, a fol. 80, Dr. P. Lofaro;
5. **26 t'Ottubru 2004**, a fol 122, Dr. M. Ciliberti.

Dan ifisser li kuntrarjament ghal dak li jsostni r-rikorrenti (vide fol 209 u fol 334), **fi zmien rilevanti** u cioe illi **mis-27 t'Ottubru 1998 sa 28 ta' Novembru 1998**, u cioe' zmien li fih seta' jigi skopert u jigi indirizzat l-anomalija, **r-rikorrenti kien assistit mill-avukat difensur tieghu.**

Illi l-fatt illi l-imputat ma deherx fl-ahhar zewg seduti, ma jistghax b'xi modd jigi addebitat bhala xi nuqqas da parti tal-intimati. In-nuqqas ta' prezenza tar-rikorrenti f'seduti tal-21 ta' Frar 2006 a fol. 125 u dik tal-14 ta' Marzu 2006 a fol. 132, kien ta' portata sostanzjali 'l ghaliex r-rikorrenti kien jkun f'qaghda li jiprevalixxi ruhu minn dritt t'appell, liema appell seta' jindirizza l-ilmenti tar-rikorrenti. Certament ma kienx id-dover tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija jew tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Impjiegi li jinforma lir-rikorrenti li l-Qorti tal-Magistrati kienet ippronunzjat is-sentenza taghha.

Din il-Qorti rat u ezaminat it-tieni u tielet eccezzjoni dwar rimedji ohra sollevati mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija u eccezzjoni 3(iii) sollevata mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Impjiegi. Din il-Qorti taghraf illi l-azzjoni odjerna ma hiex wahda ta' indoli Kostituzzjonali u ghalhekk r-rikorrenti mhuwiex tenut jezawrixxi rimedji ohra u huwa liberu li jaghzel kwalunkwe azzjoni jew rimedju li jixtieq, u fil-fatt hekk ghamel.

Din il-Qorti lanqas ma tista' ma taccennax ghal fatt li, l-Qorti tal-Magistrati kienet ddecidiet il-kaz Pulizija vs Anthony Diacono fuq l-eccezzjoni preliminari ta' preskrizzjoni. Ghaldaqstant mhuwiex maghruf x'seta' kien jkun l-ezitu fuq il-meritu ta dak il-kaz u certament din il-Qorti ma tistghax tigi mistiedna tghaddi gudizzju li kien jaspetta lil Qorti tal-Magistrati jew il-Qorti tal-Appell Inferjuri.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet numri wiehed, tnejn, tlieta u sitta limitatament, tilqa' r-raba u l-hames eccezzjoni tal-ewwel intimat; u tichad l-ewwel, it-tieni, u l-hames eccezzjoni waqt li tilqa' r-raba eccezzjoni u t-tielet eccezzjoni limitatament tat-tieni intimat; u tichad t-talbiet tar-rikorrenti.

Il-Qorti tqis illi fic-cirkostanzi jkun gust u ghaqli li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------